# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 25/2018 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs.**

1. **Vishnu u Dorothea mizzewgin Balani (K.I. numri 2020589 (P) u 131656 (M)) u**

2. **Dorothea Balani bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha, (K.I. numru 131656 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-9 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu, *tramite* r-rapprezentant tieghu, l-bank rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz ta' kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor John Debono datat l-4 t'Ottubru, 2006, il-bank rikorrenti ikkonceda facilita` bankarja lill-intimati Vishnu u Dorothea konjugi Balani, (ara foll 4);

1.2. Illi l-bank rikorrenti hu kreditur tal-imsemmija konjugi Balani fis-somma ta' tlieta u hamsin elf, mitejn u tmintax -il euro u wiehed u sebghin centezmu, (€53,218.71), bilanc mill-"*Overdraft Account*" tal-intimati konjugi Balani, (ara foll 11 sa 16), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 t'Ottubru, 2017, sad-data tal-effettiv pagament;

1.3. Illi skont erba' skritturi privati rispettivament datati t-28 ta' Frar, 1996, (ara foll 18, *a tergo*; id-9 t'Ottubru, 1996, (ara foll 20, *a tergo*, u t-tnejn l-ohra datati d-9 ta' Lulju, 1998, (ara foll 22 *a tergo* u foll 24 *a tergo*, l-intimata Dorothea Balani, bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha, iggarantiet, flikien u *in solidum* mal-konjugi Balani fuq riferiti, id-debiti tal-istess konjugi Balani mall-istess bank rikorrenti;

1.4. Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu d-dejn fuq indikat, (ara foll 26), l-intimati baqghu inadempjenti;

1.5. Illi ghaldaqstant il-bank rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.5.1. Tikkundanna lill-intimati biex flimkien u *in solidum* ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €53,218.71 bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account*" ta' Vishnu u Dorothea konjugi Balani mal-bank rikorrenti, flimkien ma l-imghax ulterjuri mit-13 t'Ottubru, 2017, sad-data tal-pagament effettiv;

1.5.2. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 27);

3. Rat in-nota tal-intimati Vishnu u Dorothea Balani datata l-21 ta' Frar, 2018, li permezz taghha ammettew it-talbiet tal-bank rikorrenti, (ara foll 31);

4. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-6 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu, in vista tal-ammissjoni riferita fil-paragrafu precedenti awtorizzaw lill-qorti biex immedjatament tghaddi ghas-sentenza fir-rigward;

5. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista tal-ammissjoni tal-intimati din il-qorti hi sodisfatta li l-bank rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

6.1. Tiddikjara li l-intimati *in solidum* huma debituri tal-bank rikorrenti fl-ammont ta' €53,218.71 kif fuq spjegat senjatament flimkien ma l-imghax ulterjuri minnhom dovut lill-bank rikorrenti mit-13 t'Ottubru, 2017, sad-data tal-effettiv pagament;

6.2. Tikkundana lill-intimati *in solidum* biex ihallsu l-ammont u l-imghax indikat fil-paragrafu precedenti lill-bank kreditur rikorrenti;

6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-istess intimati *in solidum*;

___________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**